MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1089/2003

**Aplan Ltd
Vs**

**Dimech Wilson**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm410 (erba' mija u ghaxar liri Maltin) bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata.

Bl-ispejjez inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 2003 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-6 ta' Gunju 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-27 ta' Jannar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------